31999R0494

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 494/1999

ta' l-5 ta' Marzu 1999

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2571/97 dwar il-bejgħ tal-butir bi prezzijiet imnaqqsa u l-konċessjoni ta' għajnuna għall-krema, il-butir, u l-butir ikkonċentrat għall-użu fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti tal-pastiċċiera, il-ġelati u oġġetti oħra ta' l-ikel.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1587/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 12(3) u 28 tiegħu,

Billi l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2571/97 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 124/1999 [4], jistabbilixxi l-limitu taż-żmien għall-proċessar u għall-inkorporazzjoni fil-prodotti finali l-prodotti riferiti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament; billi t-tul korrenti ta' dan il-limitu taż-żmien x'aktarx li jinkoraġġixxi l-operazzjonijiet ta' natura spekulattiva; billi l-limitu taż-żmien għandu għalhekk jiġi mnaqqas;

Billi l-Kumitat Maniġerjali tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib ma tax l-opinjoni tiegħu fiż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 2571/97, il-fraži "ħames xhur" għandha tinbidel bil-fraži "erba' xhur".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel fil-5 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 21.
[3] ĠU L 350, ta' l-20.12.1997, p. 3.
[4] ĠU L 13, ta' l-21.1.1999, p. 19.